TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 51/14-F

**Kelly Baldacchino**

**vs**

**Cellphone**

Illum 27 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u għoxrin ewro (€520), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara tliet xhur ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata u wara tliet xhur ħaditu darbtejn għat-tiswija peress li kien jeħel ta' spiss u xorta baqa' bil-problema.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kienet bidlet is-*software* ta' dan il-*mobile phone* in kwestjoni għal darba darbtejn, u li l-problema kienet ġejja mill-fatt illi l-*mobile ph*one kien ixxarrab u għalhekk qatt ma seta' jittranġa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-verżjoni tas-soċjeta' ntimata hija kredibbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888